

- 3) Hija konformi mal-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 2016/680, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, leġislazzjoni nazzjonali, f'dan il-każ l-Artikolu 68(4) tal-Liġi dwar il-Ministeru għall-Affarijiet Interni, li ttipprovdi li l-qorti hija obbligata tordna l-ġbir obligatorju ta' data personali (ritratti, marki tas-swaba' u kampjun ta' DNA), fil-każ li l-persuna mixlija b'reat intenzjonat ta' natura ġenerali tirrifjuta li tikkoopera volontarjament fil-ġbir ta' din id-data personali, mingħajr ma l-qorti tista' tevalwa jekk hemmx bażi serja sabiex wieħed jaħseb li din il-persuna wettqet ir-reat li bih hija mixlija?
- 4) Hija konformi mal-Artikolu 10, mal-Artikolu 4(1)(a) u (c), mal-Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva 2016/680 leġislazzjoni nazzjonali, f'dan il-każ l-Artikolu 68(1) sa (3) tal-Liġi dwar il-Ministeru għall-Affarijiet Interni, li tipprevedi bħala regola ġenerali t-teħid ta' ritratti, it-teħid tal-marki tas-swaba' u t-teħid ta' kampjun tad-DNA fir-rigward tal-persuni kollha mixlija b'reat intenzjonat ta' natura ġenerali?

⁽¹⁾ ĠU 2016, L 119, p. 89, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 6.

⁽²⁾ ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Portugall)
fl-1 ta' April 2021 – Autoridade Tributária e Aduaneira vs DSR – Montagem e Manutenção de
Ascensores e Escadas Rolantes SA**

(Kawża C-218/21)

(2021/C 252/17)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Supremo Tribunal Administrativo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Autoridade Tributária e Aduaneira.

Konvenut: DSR – Montagem e Manutenção de Ascensores e Escadas Rolantes SA

Domandi preliminari

- 1) Applikazzjoni tal-punt 2.27 tal-Lista I annessa mal-Código IVA (il-Kodiċi tal-VAT) fis-sens li tinkludi t-tiswija u l-manutenzjoni tal-liftijiet mwettqa mill-impriża msemmija fil-fatti [...] b'rata mnaqqsa ta' VAT, hija konformi mad-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mal-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾?
- 2) Applikazzjoni ta' din l-istess dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-VAT li tiegħu wkoll inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet previsti barra minn hekk fid-dritt nazzjonali – l-Artikoli 1207, 204(1)(e) u (3) u 1421(2)(b) tal-Kodiċi Ċivili (regoli li fihom huma previsti l-kunċetti ta' kuntratt għal xogħlijiet, ta' proprjetà immobbli u l-preżunzjoni li l-lift jitqies bħala parti komuni tal-binja taħt sistema ta' koproprietà) hija konformi mad-dritt tal-Unjoni, b'mod speċifiku mal-Anness IV tad-Direttiva 2006/112?

⁽¹⁾ ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.